A.L. 204 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP 17)

Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni ghall-Prezzijiet Pagabbli ghall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Odinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità, flimkien mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni ghall-Prezzijiet Pagabbli ghall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra u ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda ma' l-Ordni ghall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra, 2003, hawn iżjed il-quddiem imsejjħa "l-ordni prinċipali".

Iżid artikolu 4 ma' ordni prinċipali.

2. Immedjatament wara l-artikolu 3 ta' l-ordni prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:-

"Prezz ghall-qabar Fiż-Żebbug (Malta).

4. Il-prezz pagabbli għall-akkwist ta' qabar, inkluz is-sit, fiċ-Ċimiterju ta' Żebbuġ (Malta), magħruf bħala "Iċ-Ċimiterju ta' l-Infett għandu jkun ta' Lm725".